**QORTI CIVILI PRIM’ AWLA**

**ONOR. IMHALLEF MARK CHETCUTI LL.D.**

**Illum l-Erbgha, 5 ta' Ottubru, 2016**

Numru 8

**Rikors Guramentat Nru. 592/2009**

**L-Awtorita dwar it-Trasport ta’ Malta u**
**b’digriet tas-26 ta’ Jannar 2010**
**L-Awtorita ghat-Trasport f’Malta gie awtorizzata**
**tassumi l-atti ta’ din il-kawza minflok**
**l-Awtorita dwar it-Trasport ta’ Malta**

**vs**

**L-Avukat Generali, id-Direttur tal-Ufficcju ghall-Kompetizzjoni Gusta, u Marianna Sptieri, Alfred Spiteri, Joseph Spiteri u Karen mizzewga Camilleri u Garden of Eden Garage Limited ghal kull interess li jista’ jkollhom**

**Il-Qorti,**

Rat ir-rikors guramentat tal-Awtorita attrici tas-17 ta’ Gunju 2009 li jghid hekk:

Fis-6 ta' Gunju 2006 id-Direttur tal-Ufficju tal-Kompetizzjoni Gusta (“id-Direttur") ircieva lment minghand Marianna Spiteri, Alfred Spiteri, Joseph Spiteri u Karen mizzewga Camilleri, ilkoll eredi ta' Angelo Spiteri, kontra l-Awtorita dwar it-Trasport ta' Malta (“l-Awtorita") li permezz tieghu gie allegat li certu agir tal-Awtorita kien jikkostitwixxi ksur tal-artikolu 9(2)(e) tal-Kap. 379 tal-Ligijiet ta' Malta;

L-istess Direttur, fit-3 ta' Awwissu 2006, ha decizjoni fis-sens illi l-Kap. 379 ma setax japplika fil-konfront tal-Awtorita billi din l-Awtorita mhix intrapriza li ghaliha japplika l-artikolu 9 tal-Kap. 379, u ghaldaqstant iddikjara li ma setax jiehu konjizzjoni tal-istess ilment billi dan l-ilment kien inammissibbli ai termini tal-artikolu 14(1) tal-Kap. 379;

Wara din id-decizjoni tad-Direttur, Marianna Spiteri, Alfred Spiteri, Joseph Spiteri u Karen mizzewga Camilleri talbu li din id-decizjoni tigi riveduta mill-Kummissjoni Ghall-Kummerc Gust stabbilit mill-Kap. 379 tal-Ligijiet ta' Malta ("il-Kummissjoni");

Permezz ta' decizjoni tal-Kummissjoni rnehuda fil-15 ta' Ottubru 2008 l-istess Kummissjoni ddecidiet in effett illi l-Awtorita hija intrapriza ai termini tal-artikolu 379 tal-Ligijiet ta' Malta u ddecidiet is-segwenti:
"Ghaldaqstant din il-Kummissjoni filwaqt li tirrespingi t-twegibiet tal-Awtorita dwar it-Trasport ta' Malta u d-decizjoni tad-Direttur fuq indikati, takkolji l-lanjanzi ta' Marianna Spiteri, armla ta' Angelo Spiteri, Alfred Spiteri, Joseph Spiteri u Karen mizzewga Camilleri u konsegwentement tiddikjara li l-agir tal-Awtorita dwar it-Trasport ta' Malta fir-rigward tal-lanjanti kif fuq elenkat imur kontra l-artikolu 9(1)(2)(e) tal-Kap. 379."

Il-Kap. 379 tal-Ligijiet ta' Malta ma jipprovdix ghal-dritt ta' appell mid-decizjoni fuq riferita tal-Kummissjoni;

Nonostante dan huwa pacifiku fil-gurisprudenza tal-Qrati Maltin illi decizjoni ta' tribunal, anki fl-assenza ta' rimedju statutorju, tista' jigi impunjata meta din id-decizjoni tkun ittiehdet bi ksur tar-regoli tal-gustizzja naturali, jew meta jigi stabbilit li dak it-tribunal ikun agixxa ultra vires jew id-decizjoni tat-tribunal tikkontjeni enuncjazzjoni hazina jew inkompleta tal-ipotesi tal-ligi;

Id-decizjoni tal-Kummissjoni tal-15 ta' Ottubru 2008 tikkontjeni enuncjazzjoni hazina u/jew inkompleta tal-ligi, li tikkonsisti fis-segwenti;

L-artikolu 9 tal-Kap. 379 tal-Ligijiet ta' Malta jissanzjona agir abusiv ta' intraprizi dominanti;

Illi l-kelma "intrapriza" hija definita mill-Kap. 379 li
"tfisser kull persuna sew jekk tkun individwu, korp maghqud jew mhux maghqud jew kull enti ohra, bi skop ta' xi, attivita ekonomika u tinkludi grupp ta' intraprizi" (emfazi mizjuda)

Din id-definizzjoni tirrispekkja gurisprudenza tal-Qrati tal-Unjoni Ewropea fuq din il-materja;

Ir-Regola numru 13 tal-iskeda annessa mal-Kap. 379 tipprovdi illi
"Fl-interpretazzjoni ta' dan l-Att, il-Kummissjoni tista' tirrikorri ghad-decizjonijiet precedenti taghha, decizjonijiet tal-Qorti ta' Prim Istanza u tal-Qorti tal-Gustizzja tal-Komunita Ewropea. Hija ghandha wkoll tirrikorri ghad-decizjonijiet u dikjarazzjonijiet rilevanti tal-Kummissjoni Ewropea inkluti evvizi interpretattivi fuq id-disposizzjonijiet rilevanti tat-Trattat tal-KE u legislazzjoni sussidjarja relattiva ghall-kompetizzjoni."

Huwa principju ben stabbilit fid-decizjonijiet kemm tal-Qrati tal-Unjoni Ewropea kif ukoll tal-Kummissjoni Ewropea illi kuncett ta' "intrapriza" jikkonprendi kull entita li hija involuta f'attivita ekonomika irrispettivament mill-istatus ta' dik l-entita kif ukoll il-mod kif tkun finanzjata. Addizzjonalment, huwa ugwalment ben stabbilit illi l-artikolu 82 tat-Trattat tal-Komunita Ewropea (li huwa sostanzjalment identiku ghall-artikolu 9 tal-Kap. 379) ma japplikax ghall-attivitajiet li, minn natura taghhom, l-ghanjiet taghhom,

u r-regoli li ghalihom huma soggetti, ma jaqawx fil-parametri ta' "attivita ekonomika" jew li huma konnessi mal-ezercizzju tal-poteri ta' awtorita pubblika;

Hu pacifiku fil-gurisprudenza fil-Qrati tal-Unjoni Ewropea illi awtorita pubblika tista' tkun meqjusa li hija intrapriza - u ghalhekk soggetta ghar-regoli dwar il-kompetizzjoni - meta tezercita attivita ekonomika. Pero huwa ugwalment pacifiku illi agir ta' awtorita pubblika, meta dan l-agir ikun konness mal-ezercizzju ta' dik l-awtorita pubblika tal-poteri pubblici taghha, mhuwiex sindakabbli ai termini tal-artikolu 82 tat-Trattat tal-Komunita Ewropea u, in kwantu awtorita tezercita dawk il-funzjonijiet, ma tistax tigi meqjusa li hija intrapriza;

L-Awtorita ghandha varji funzjonijiet pubblici, mogfltija lilha mill-artikolu 4(1) tal-Kap. 332 fosthom:
(d) li taghmel dak kollu methieg jew spedjenti ghall-ittestjar, registrazzjoni u licenzjar ta' vetturi bil-mutur u s-sewwieqa taghhom;
(e) li taghmel dak kollu li jista' jkun mehtieg ghar-regolament, maniggar, sigurezza u kontroll tat-traffiku fit-triq u t-trasport ta' persuni u oggetti"

Sabiex twettaq dawn il-funzjonijiet pubblici l-Awtorita ghandha s-sahha, skond l-artikolu 4(3) tal-Kap. 332 li:
(a) taghti, iggedded, tirrifjuta, tissospendi jew tirrevoka licenzia skond artikolu 34 u regolamenti li jsiru taht dan l-Att u li tistabbilixxi l-kundizzjonijiet li tahthom dik il-licenzja tista' tinghata u d-drittijiet li ghandhom jithallsu ghall-ghoti ta' dik u-licenzja;

Dawn il-funzjonijiet huma palesament ta' natura pubblika u ma jikkostitwux "attivita ekonomika", u ghaldaqstant meta l-Awtorita tezercita dawn il-funzjonijiet hija ma tistax titqies li hija intrapriza u, konsegwentement, ma tkunx soggetta ghad-disposizzjonijiet tal-Kap. 379, inkluz l-artikolu 9;

Id-decizjoni tal-Kummissjoni in effett tiddeciedi illi n-nuqqas tal-Awtorita illi hija tillicenzja xi vetturi - nonostante illi l-licenzjar ta' vettur huwa funzjoni pubblika u ma jikkostitwix attivita ekonomika - jikkostitwixxi agir bi ksur tal-artikolu 9 tal-Kap. 379 tal-Ligijiet ta' Malta;

Ghaldaqstant din id-decizjoni hija bbazata fuq enuncjazzjonl zbaljata tal-ligi in kwantu l-Kummissjoni applikat l-artikolu 9 tal-Kap. 379 biex tissanzjona agir ta' awtorita pubblika li, billi dan l-agir jikkostitwixxi l-ezercitazzjoni ta' funzjoni pubblika, ma tistax tigi meqjusa li hija intrapriza;

Addizjonalment, din l-enuncjazzjoni hazina tal-ligi in effetti zgwidat lil Kummissjoni sabiex din tiehu decizjoni li hija ultra vires il-poteri moghtija lilha mill-Kap. 379 tal-Ligijiet ta' Malta, in kwantu l-istess Kummissjoni hadet decizjoni fil-konfront ta' awtorita illi - fic-cirkustanzi in kwistjoni - ma taqax taht id-definizzjoni ta' "intrapriza" u ghaldaqstant l-agir in kwistjoni tal-Awtorita mhuwiex sindakabbli ai termini tal-Kap. 379;

Ghaldaqstant l-Awtorita rikorrenti bir-rispett titlob lil din l-Onorabbli Qorti sabiex

1. Tiddikjara u tiddeciedi illi l-Kummissjoni ma kellhiex gurisdizzjoni biex taghti d-decizjoni li tat fil-15 ta' Ottubru 2008, u/jew li l-istess decizjoni kienet ibbazata fuq zball evidenti tal-ligi li jirrizulta mid-decizjoni;

2. Tiddikjara konsegwentement nulla u inattendibbli d-decizjoni tal-Kummissjoni fuq riferita.

Bl-ispejjez u bl-ingunzjoni tal-intimati ghas-subizzjoni.

Rat ir-risposta guramentata tal-konvenuti Spiteri, Camilleri u socjeta Garden of Eden Garage Limited li tghid hekk:

1. Illil fl-ewwel lok u preliminarjament, ghandu jirrizulta li l-Awtorita rikorrenti ma ghandhiex l-interess guridiku mehtieg sabiex tesperixxi din l-azzjoni, u dan in kwantu data ma non concesso li t-talbiet taghha jigu akkolti, hija mhux ser tiehu l-ebda utilita guridika b'konsegwenza, galadarba hija ormai ottemporat ruhha mal-ordni tal-Kummissjoni tal-Kummerc Gust u rrimedjat ghall-lanjanzi tal-eccipjenti;

2. Illi fit-tieni lok, u bla pregudizzju ghas-sueccepit, l-Awtorita rikorrenti akkwixxjiet ghall-gurisdizzjoni tal-Kummissjoni tal-Kummerc Gust billi rrimedjat ghall-lanjanzi tal-esponenti kif akkolti permezz tad-decizjoni impunjata, u di piu irtirat kull procedura jew azzjoni minnha ntavolata ghall-opposizzjoni tal-enfurzar tas-sentenza de quo moghtija mill-Kummissjoni tal-Kummerc Gust, rigwardanti tal-ordni ta' waqfien u ebda tkomplija mahruga mid-Direttur tal-Ufficcju tal-Kompetizzjoni Gusta ai termini tal-artikolu 13 tal-Kap. 379, u ghalhekk konsegwentement din l-azzjoni hija nieqsa minn fondament guridiku;

3. Illi fit-tielet lok, u minghajr hsara ghall-premess, huwa risaput illi t-tifsira tat-terminu, ‘intrapriza' tinkludi kwalsiasi entita li tkun involuta f'attivitajiet ta' natura ekonomika, irrispettivament jekk tali attivita twassalx ghal holqien ta' qliegh jew le;

4. Illi fir-raba' lok, u minghajr pregudizzju ghas-suespost, huwa dottrinalment ricevut kemm mill-Qrati Ewropej u kemm mit-Tribunali kompetenti nostrana, li t-terminu ‘intrapriza' ghandu jinghata interpretazzjoni estensiva, u mhux ristretta, kif qed tippretendi l-Awtorita rikorrenti;

5. Illi fil-hames lok, u bla pregudizzju ghall-premess, id-disposizzjonijiet tal-Att dwar il-Kompetizzjoni huma lkoll applikabbli ghall-Awtorita rikorrenti, u dan a tenur tal-artikolu 30 tal-istess imsemmi Att;

6. Illi fis-sitt lok, u minghajr hsara ghas-suespost, l-Awtorita rikorrenti bl-agir taghha impediet, ostakolat u razznet il-kompetizzjoni fis-settur tas-servizzi rilevanti, tant illi tali agir ikkostitwixxa attivita ekonomika b'konsegwenzi ekonomici, u b'hekk irrendiet ruhha sindakabbli mill-Kummissjoni tal-Kummerc Gust;

7. Illi fis-seba' lok, u minghajr hsara ghall-premess, l-azzjoni odjerna fl-ebda cirkostanza ma tista' twassal ghal rievalwazzjoni tal-mertu tal-proceduri li taw lok ghad-decizjoni li qed tigi prezentement impunjata;

8. Illi fit-tmien lok, u bla pregudizzju ghas-sueccepit, fi kwalunkwe kaz id-decizjoni impunjata ghandha tibqa' bla mittiefsa.

Salv kull eccezzjoni ohra skond il-Iigi.

Bl-ispejjez kontra l-Awtorita rikorrenti, li hija minn issa ngunta in subizzjoni.

Rat ir-risposta guramentata tal-Avukat Generali u d-Direttur tal-Ufficcju tal-Kompetizzjoni Gusta li tghid hekk:

Illi l-esponenti, Direttur tal-Ufficcju tal-Kompetizzjoni Gusta, jissottometti illi huwa mhux I-Iegitimu kuntradittur ghat-talbiet kif ntavolati f’dan r-rikors u minhabba f'hekk ghandha tigi lliberata mill-osservanza tal-gudizzju, stante illi hi qatt ma hadet d-decizjoni Ii qed tkun mpunjata mill-Awtorita rikorrenti, peress illi d-decizjoni msemmija ttiehdet biss mill-Kummissjoni ghall-Kummerc Gust Ii huwa organu gudizzjarju Ii fl-operat tieghu huwa awtonomu u indipendenti mill-esponenti, Direttur tal-Ufficcju tal-Kompetizzjoni Gusta;

Illi, minghajr pregudizzju, stante illi dan r-rikors jittratta primarjament interpretazzjoni ta' punt ta' ligi, u cioe dwar jekk l-Awtorita rikorrenti ghandhiex titqies bhala 'intrapriza', l-esponenti jhossu Ii ghandhom jirremettu ruhhom ghad-decizjoni ta' din l-Onorabbli Qorti;

Salv eccezzjonijiet ulterjuri

Rat illi l-konvenuti Spiteri qajjmu eccezzjoni ulterjuri tal-preskrizzjoni stante li l-azzjoni attrici kienet preskritta stante t-terminu preskrittiv semestrali u minghajr pregudizzju l-azzjoni attrici kienet perenta. Din l-eccezzjoni ulterjuri giet michuda b’sentenza tal-Qorti tal-Appell tas-27 ta’ Marzu 2015;

Rat illi l-atti gew rinvjati lil din il-Qorti kif preseduta u wara li saru provi ulterjuri, il-kawza thalliet ghas-sentenza fuq l-eccezzjonijiet li kien ghad mhux decizi kemm dawk preliminari u kemm dawk fil-mertu tal-azzjoni. Di fatti n-noti ta’ sottomissjonijiet finali tal-partijiet jindirizzaw dan kollu.

**Ikkunsidrat**

Hu pacifiku bejn il-partijiet illi din hi kawza hi wahda ghal stharrig gudizjarju ta’ decizjoni tal-Kummissjoni ghall-Kummerc Gust (il-Kummissjoni) tal-15 ta’ Ottubru 2008 liema decizjoni kienet tirrigwarda revoka ta’ decizjoni li nhareg mid-Direttur tal-Ufficcju tal-Ufficcju tal-Kompetizzjoni Gusta fir-rigward ta’ lment maghmul mill-

konvenuti Spiteri odjerna. L-ilment tal-konvenuti Spiteri kien illi l-Awtorita irrifjutat li tillicenzja tlett open top buses u ghalhekk l-Awtorita kisret id-dispozizzjonijiet tal-artikolu 9 tal-Kap. 379. Id-Direttur tal-Ufficcju tal-Kompetizzjoni kien iddecieda illi l-Awtorita ma kinitx intrapriza ai fini tal-artikolu 9 tal-Kap. 379 u ghalhekk ma setax jiehu konjizzjoni tal-ilment. Il-Kummissjoni revokat din id-decizjoni u sabet lil Awtorita responsabbli ghal ksur meta rrifjutat li tillicenzja t-tlett open top buses.

L-Awtorita fethet il-kawza prezenti u qed tallega illi d-decizjoni tal-Awtorita fiha enuncjazzjoni hazina tal-ligi meta kkwaliikat lil Awtorita bhala intrapriza meta sabet ksur tal-artikolu 9 tal-Kap. 379. Dan ghaliex fil-mansjoni tal-Awtorita li tohrog jew tirrifjuta li tohrog licenzji qatt ma jista' jinghad li hi intrapriza, cioe li kienet qed tiezercita attivita ekonomika kemm jekk dan ikollu qliegh o meno.

Il-Qorti tirrileva illi l-Kapitolu 379 ma kienx jaghti dritt ta' appell minn decizjoni tal-Kummissjoni pero kif inghad fil-kawza **SM Cables Ltd vs Carmelo Monaco** PA 14/02/2002):

> il-Qrati ghandhom gurisdizzjoni generali biex jistharrgu l-imgiba ta' kull tribunal kwazi-gudizzjarju jew mahluq statutorjament (Ara, per ezempju, App. Civ. 13.6.1995 fil-kawza fl-ismijiet **Salvino Borg D'Anastasi vs Ian Decesare et noe et**). Dan jinghad ghaliex, fi stat ta' dritt, hadd mhu mehlus mir-rabta li jimxi kif tridu il-ligi, u jekk issir xilja li dik il-persuna ma mxietx skond il-ligi, huma l-Qrati li ggandhom is-setgha li jqisu l-ilment u li jaghtu r-rimedju, jekk ikun il-kaz (Ara P.A. GCD 20.3.2000 fil-kawza fl-ismijiet **Raymond Fenech noe vs Victor Fiorentino**);
>
> ... il-gurisdizzjoni li l-Qrati ghandhom hija limitata ghas-setgha li jissindakaw il-hidma u l-ghamil tat-Tribunal Industrijali (a) biex jizguraw li dan ma jkunx mar lil hinn mis-setghat moghtijin lilu bil-ligi li bis-sahha taghha gie mwaqqaf u li tahtha jinsab regolat (jigifieri, l-Att XXX tal-1976); (b) biex jaraw li, tkun xi tkun il-procedura li jkun segwa, jkun hares li jsir haqq skond il-meriti sostantivi tal-kaz migjub quddiemu u dan b'harsien tar-regoli tal-gustizzja naturali; u (c) biex jaraw li s-sentenza jew id-decizjoni li jkun ta ma tkun bl-ebda mod kontra xi ligi miktuba jew kontra xi att li jkollu s-sahha ta' ligi dwar kundizzjonijiet maghrufa tal-impieg (Ara App. 13.2.1997 fil-kawza fl-ismijiet Michael Mallia noe vs Carmel Debono et u l-ghadd ta' sentenzi u awtoritajiet hemm imsemmija);

illi in oltre fis-sentenza **Universita ta' Malta vs Carmen sive Bella Hili**, PA 03/10/2003) il-Qorti qalet hekk:

> dawn (il-Qrati) gew moghtija l-fakolta` biex permezz tad-duttrina tal-judicial review jannullaw sentenza tat-tribunali specjali u decizjonijiet amministrattivi biex jigi assikurat ottemperament mal-ligijiet jew biex jigi mpedut jew eliminat l-abbuz;
> ...
> "hi (il-gurisdizzjoni) limitata pero` ghal meta t-Tribunal jmur ultra vires jew kontra r-regoli ta' gustizzja naturali jew is-sentenza tkun kontra l-ligi miktuba" ("**Reno Alamango –vs- Mary Rose Ciantar**", Appell Civili, 29 ta' Mejju 1991; "**Avv. Dr. Vincent Falzon nomine -vs- Isabelle Grima**", Appell Civili, 17 ta' Mejju 1993; "**Michael Mallia nomine –vs- Carmel Debono et**", Appell, 13 ta' Frar 1997, f'liema tinsab rassenja ta' sentenzi in subjecta materja);

Fil-fatt dan hu precizament dak li tittentat l-Awtorita attrici f'din il-kawza billi tallega li l-Kummissjoni eccediet il-poter gurisdizzjonali taghha meta applikat hazin il-ligi ghal fattispecie tal-kaz.

**Eccezzjoni tad-Direttur tal-Ufficcju tal-Kompetizzjoni Gusta**

Id-Direttur qajjem l-eccezzjoni li l-Ufficcju mhux legittimu kontradittur. Il-Qorti tqis li d-Direttur ghandu ragun f'din l-eccezzjni. Id-decizjoni li qed tigi impunjata mhix tad-Direttur izda tal-Kummissjoni li hi entita differenti mill-Kummissjoni u kompletament indipendenti mid-Direttur. Ghalhekk billi d-Direttur ma kellu ebda sehem jew parti fid-decizjoni li qed tigi impunjata, ma jistax jitqies legittimu kontadittur.

**Eccezzjoni tal-konvenuti Spiteri li l-Awtorita ma ghandhiex interess guridiku f'din il-kawza**

Il-konvenuti Spiteri jsostnu illi dato non concesso t-talbiet jigu akkolti, l-Awtorita ma hi ser tiehu ebda utilita guridika la darba hi stess ottemperat mad-decizjoni tal-Kummissjoni u rrimedjat ghal lanjanzi tal-eccipjenti. Huma jsostnu illi t-thassir tad-decizjoni impunjata anki jekk hi gustifikata qatt ma jista' jaffettwa d-dritt tal-konvenuti ghad-danni ghal lezjoni subita minnhom. Din il-Qorti ma taqbel xejn ma' dan l-argument. Il-konvenuti qed jorbtu din l-eccezzjoni primarjament mal-utilita guridika li l-attrici tista' tiggwadanja jekk tithassar id-decizjoni tal-Kummissjoni. Harsa lejn il-premessa sebgha tal-kawza ghad-danni maghmula mill-konvenuti Spiteri in segwitu ghad-decizjoni tal-Kummissjoni jirrizulta b'mod mill-aktar car illi r-responsabila tal-

Awtorita ghad-danni fir-rigward tat-tlett open top buses tinsorgi minn ksur tad-dispozizzjonijiet tal-Att dwar il-kompetizzjoni u dan in vista tad-decizjoni tal-Kummissjoni tal-Kummerce Gust (ara fol. 15 tal-process quddiem din il-Qorti kif preseduta). Kwindi hemm rabta diretta bejn l-azzjoni tal-konvenuti ghad-danni u d-decizjoni li qed tigi impunjata. Il-Qorti mhix qed tghid b'daqshekk illi jekk l-Awtorita ghandha ragun fil-mertu l-kawza ghad-danni taqa'. Dik hi kwistjoni li trid tigi dibattuta u deciza f'dik il-kawza (Rikors Mahluf 369/2009LM) pero bla dubju l-Awtorita ma tistax ma titqies li tkun ressqet prova li tista' tinfluixxi fuq il-mertu tal-azzjoni tal-konvenuti. Ghalhekk l-utilita ta' din l-azzjoni odjerna mhix bla ebda utilita. Fil-fatt il-Qorti, diversament preseduta li qed tisma l-kawza ghad-danni, issospendiet il-kontinwazzjoni tas-smigh ta' dik il-kawza sakemm tinqata' l-vertenza odjerna u qalet hekk:

> Ghalkemm huwa minnu dak li ntqal mill-atturi fin-nota ta' sottomissjonijiet taghhom li huma kienu jkunu intitolati jezercitaw l-azzjoni odjerna anki minghajr ma jirrikorru quddiem il-Kummissjoni għal Kummerc Gust, il-fatt li l-kawza prezenti giet ibbazata fuq il-premessa li l-allegat ghemil illegali tal-Awtorità konvenuta fil-konfront tal-atturi kien ikkonfermat bid-decizjoni tal-Kummissjoni għal Kummerc Gust tal-15 ta' Ottubru, 2008, din il-Qorti tqis li huwa espedjenti li tigi ordnata s-soprasessjoni ta' din il-kawza pendenti l-ezitu tal-kawza l-ohra (Rikors Mahluf numru 592/2009/2 MC).

Il-konvenuti jsostnu wkoll illi l-interess guridiku jrid jezisti tul is-smigh kollu tal-kawza. Billi f'din l-azzjoni l-Awtorita mhix titlob ir-reintegrazzjoni mill-effetti tad-decizjoni tal-Kummissjoni billi ma hemmx lok ghaliha ghax l-Awtorita ottemperat ruhha mad-decizjoni tal-Kummissjoni, sentenza f'din il-kawza hi interament wahda dikjatorja u ghalhekk inammissibbli. Din il-Qorti ma taqbilx. Kif qalet il-Qorti fil-kawza **AX Construction Limited u Agius Marble Works Limited** (PA 29/10/2009) azzjoni dijatorja tista' tingieb f'kaz li kawza tkun preordinata ghal kawza ohra li tiddependi sewwa sew mis-sentenza dikjatorja. F'dan il-kaz sentenza favorevoli ghall-Awtorita ghalkemm ta' natura dikjatorja jista' jkollha effett fuq kawza ohra li tiddependi mis-sentenza dikjatorja. Dan kien l-iskop wara kollox ghad-digriet ta' soprasessjoni maghmul mill-Qorti fil-kawza ghad-danni maghmula mill-konvenuti Spiteri ghaliex dik il-Qorti sabet ruhha rinfaccjata bil-possibilta li ezitu favorevoli ghall-Awtorita f'din il-kawza titfa' oneru ikbar ta' prova ta' danni fuq l-atturi f'dik il-kawza jekk ma jkunux jistghu juzaw bhala prova d-decizjoni tal-Kummissjoni. Ma jfissirx kif gia nghad, li l-kawza ghad-danni taqa' awtomatikament jew li ma hemmx provi ohra li jissostanzjaw

l-allegazzjonijet tal-atturi Spiteri f'dik il-kawza. Tali kwistjoni mhix kompitu ta' din il-Qorti li tikkonsidrah u sta ghal partijiet fil-kawza ghad-danni li jirregolaw ruhhom skond l-ezitu ta' din il-kawza.

Giet prezentata sentenza tal-Qorti Kostituzzjonali tas-7 ta' Ottubru 2013 (fol. 157 tal-process ta' din il-Qorti) maghmula mill-konvenuti Spiteri kontra l-Awtorita fejn dik il-Qorti laqghet lanjanza kostituzzjonali kontra l-Gvern u l-Awtorita bazat fuq indhil mhux f'waqtu fit-tgawdija mir-rikorrenti (Spiteri) tal-possedimenti taghhom u nghataw kumpens ghal lezjoni. Din is-sentenza ma tbiddel xejn mill-interess guridiku tal-Awtorita f'din il-kawza peress illi l-kawza kostituzzjonali kienet titratta vjolazzjoni ta' dritt tal-bniedem protett bil-Kostituzzjoni u l-Konvenzjoni Eworpea mertri din hi kawza ghad-danni civili u l-istess Qorti Kostituzzjonali fis-sentenza taghha iddistakkat ruhha milli tqis li l-kumpens ghal vjolazzjoni jista' jitqies fl-istess kejl ta' danni purament civili kif inhi din il-kawza quddiem din il-Qorti diversament preseduta u l-interess guridiku li ghandha l-Awtorita f'din il-kawza tenut kont tal-kawza ghad-danni kontriha.

Il-Qorti inoltre tqis illi l-Awtorita ippruvat illi ghandha interess personali u dirett f'dawn il-proceduri li kif inghad hu attwali u guridikament proponibbli.

**Eccezzjoni tal-konvenuti Spiteri li l-azzjoni hi nieqsa minn fundament guridiku peress li l-Awtorita akkwixxiet ghal gurisdizzjoni tal-Kummissjoni**

Din l-eccezzjoni qed issir peress illi hu maqbul u pacifiku bejn il-partijiet illi in segwitu ghad-decizjoni impunjata tal-15 ta' Ottubru 2008, l-Awtorita ottemperat ruhha mad-decizjoni billi nhargu l-licenzji bla ebda kondizzjoni jew riserva. Il-konvenuti Spiteri jsostnu li dan l-agir hu rinunzja ghal kull azzjoni ohra relatata mal-istess decizjoni. Ir-rimedju mitlub mill-Awtorita hu fil-fatt impunjazzjoni ta' decizjoni li giet accettata mill-Awtorita bil-fatt ta' adempiment tal-istess decizjoni u konsegwentement timplika rinunzja ghal kull azzjoni ta' impunjazzjoni.

Il-Qorti ma taqbilx li l-kawza quddiem din il-Qorti taqa' fil-parametri stretti argumentati mill-konvenuti. L-eccezzjoni hi l-fondament guridiku mhux l-interess guridiku. Il-fondament guridiku ta' din il-kawza hi l-applikabilita ta' azzjoni ta' stharrig gudizjarju

meta decizjoni ta' Tribunal kwazi gudizjarju tkun ultra vires. L-Awtorita mhix qed titlob ir-revoka tal-licenzi moghtija in segwitu ghad-decizjoni tal-Kummissjoni. Din is-sitwazzjoni kienet tkun sewwa sew akkoljiment tal-argument tal-konvenuti ghax il-licenzji nhargu wara d-decizjoni tal-Kummissjoni. F'din il-kawza l-Awtorita qed tagixxi ghax ma kienx hemm dritt ta' appell biex tipprova ggib fix-xejn id-decizjoni tal-Kummissjoni mhix ghall-effett li gabet maghha izda ghal principju legali li wassal ghad-decizjoni involut li skont hi kien ultra vires il-poteri tal-Kummissjoni li tinvestiga u tiddeciedi dejjem b'referenza ghat-tifsira tal-kelma 'intrapriza' fl-ambitu ta' entita kwazi governattiva b'poteri mill-Gvern stess. Dan hu l-fondament guridiku tal-azzjoni li kif inghad fil-mertu tal-eccezzjoni tar-res judicata kien provvediment intiz u preordinat ghal finalita ohra, cioe difiza f'kawza ghal danni civili maghmula mill-konvenuti kontriha li bhala wahda mill-premessi cari f'tali kawza hi r-rabta tad-decizjoni tal-Kummissjoni mal-azzjoni tad-danni. Il-fatt li l-Awtorita harget il-licenzja lill konvenuti b'daqshekk ma rrinunzjatx ghad-dritt taghha li tiddefendi ruhha minn kwalsiasi azzjoni maghmula mill-konvenuti in konnessjoni mad-decizjoni tal-Kummissjoni b'kull mezz legali disponsibbli kif qed tittenta taghmel bl-azzjoni odjerna.

Ghalhekk din il-Qorti ma tqis illi l-eccezzjoni hi ben fondata u qed tigi michuda.

**Mertu tal-azzjoni**

It-talba attrici hi wahda semplici. Qed titlob lil din il-Qorti tiddikjara illi l-Kummissjoni eccediet il-poteri taghha taht il-Kap. 379 ghaliex iddecidiet dwar kwistjoni li ma kellhiex gurisdizzjoni tiddeciedi dwarha. Dan b'referenza partikolari u esplicita ghal fatt illi fil-vertenza posta ghall-iskrutinju tal-Kummissjoni, l-Awtorita tat-Trasport ma kinitx intrapriza u ghalhekk ma kinitx taqa' fil-parametru tal-artikolu 9 tal-Kap. 379 mertu tal-investigazzjoni u decizjoni tal-Kummissjoni.

Din il-Qorti taghmilha cara mill-ewwel illi l-kompitu taghha mhux li tqis jekk il-Kummissjoni fl-evalwazzjoni tal-provi waslitx ghal decizjoni gusta o meno. Ir-revizjoni tal-provi mhix il-kompitu ta' din il-Qorti. Il-kompitu hu wiehed cioe li tezamina l-fatti

messi quddiem il-Kummissjoni fil-perjodu li fih inghatat id-decizjoni, bla referenza ghal ebda fatt jew ligi li seta' sehh wara din id-decizjoni u tara jekk il-Kummissjoni kinitx intra vires il-poteri taghha li tiddeciedi l-kwistjoni jew kellhiex tiddeklina minhabba nuqqas ta' poter moghti mill-ligi biex taghmel dan.

Qabel xejn mill-ezami tal-fatti esposti quddiem il-Kummissjoni jirrizulta illi dak li wassal ghal lanjanza quddiem il-Kummissjoni kienet wahda cioe r-rifjut tal-Awtorita li tohrog licenzja ghal tlett open top buses wara li l-istess Awtorita kienet fil-fehma tal-konvenuti wriet l-intenzjoni li kienet ser tati tali licenzja. Mhux hekk biss izda sussegwentement inharget sejha ghal applikazzjonijiet mill-Awtorita li fil-fehma tal-lanjanti Spiteri kienet intiza biss biex tagevola persuni ohra, kompetituri tal-istess lanjanti u dan apparti li fil-konfront ta' dawn il-kompetituri ma tressqux l-oggezzjonijiet ghall-operar ta' dawn il-buses li tressqu fil-konfront tal-lanjanti. Il-lanjanti fittxew rimedju mad-Direttur tal-Ufficcju tal-Kompetizzjoni li ddeklina jezercita l-poteri tieghu ghax qies li l-eccezzjoni da parti tal-Awtorita li ma kinitx intrapriza ghal fini ta' tali lanjanza kienet gustifkata. Il-Kummissjoni invece rrevokat tali decizjoni u sabet htija tal-Awtorita a bazi tal-artikolu 9 tal-Kap. 379.

L-artikolu 9 jissanzjona agir abbusiv ta' intraprizi dominanti, u ghalhekk dak li kellha taghmel il-Kummissjoni l-ewwel u qabel kollox hu illi tara l-ilment mill-aspett legali tieghu u tqis mill-lenti guridika jekk l-ilment ravvizat mehud in konsiderazzjoni fil-konfront ta' min maghmul setghax jitqies f'dak il-kuntest bhala agir abbusiv ta' intrapriza dominanti li qed topera attivita ekonomika.

Skont id-definizzjoni li taghti l-ligi ta' intrapriza, din tfisser kull persuna, individwu, korp maghqud jew mhux maghqud jew kull enti ohra, <u>bi skop ta' xi attivita ekonomika</u> (sottolinear tal-Qorti). L-artikolu 30 hu ferm car biex ma jkunx hemm skop ta' malintiz ghax jghid illi l-Kap. 379 japplika ghal kull dipartiment tal-Gvern jew korp maghqud imwaqqaf b'ligi jew kumpanija jew socjeta li fiha l-Gvern direttament jew indirettament ikollu kontroll jew li lilhom ikun ikkonceda drittijiet specjali jew esklussivi. Fil-kawza **Klaus Höfner and Fritz Elser vs Macrotron GmbH** (C-41/90 (1991) ECR I-1979) intqal li:

> The concept of an undertaking encompases every entity engaged in an economic activity regardless of the legal status of he entity and the way in which it is financed.

Fil-kaz **Pavel Pavlov and Others and Stichting Pensioenfonds Medische Specialisten** (C-180/98 (2000) ECR I-6451) gie wkoll li:

> It has also been consistently held that any activity consisting in offering goods or servies on a given market is an economic activity (Case 118/85 Commission v Italy [1987] ECR 2599, paragraph 7, and Case C-35/96 Commission v Italy [1998] ECR I-3851, paragraph 36)

Dan irrispettivament minn jekk dik l-attivita tkunx qed titwettaq bi skop ekonomiku jew ta' qliegh (ara **Laurent Piau vs Commission of the European Communities** (T-193/02).

Skont il-Kap. 332 artikolu 4(1) u 4(3) li kien dak iz-zmien jirregola l-funzjonijiet pubblici tal-Awtorita bhala regolatur tat-trasport, l-Awtorita kellha l-poter li tirregistra u tillicenzja vetturi u tati, iggedded, tirrifjuta, tissospendi jew tirrevoka licenzji u tistabilixxi l-kundizzjonijiet li tahthom dik il-licenzja setghet tinghata.

Kwindi hi l-fehma tal-Qorti illi l-Awtorita tat-Trasport hi enti regolatrici appozitament furmata b'ligi biex thaddem is-servizz tat-trasport fost hidmiet ohra. Din il-funzjoni hi ta' interess ekonomiku generali li jipproduci dhul. Pero b'daqshekk ma jfissirx illi d-dhul generat mill-licenzi anki dawk esklussivi hu bizzejjed biex l-Awtorita titqies bhala intrapriza bi skop ta' xi attivita ekonomika. Il-kaz **Bodson** fejn inghatat koncessjoni esklussiva minn awtorita pubblika ragjonali (Case 30/87). Irid jitqies, kif kellha tqis il-Kummissjoni, jekk l-agir ilmentat kienx jifforma parti minn attivita ekonomika li kienet qed twettaq tal-Awtorita.

Hu pacifiku illi hemm distinzjoni netta bejn entita avolja parti mill-mekkanizmu governattiv tal-pajjiz meta tagixxi fil-funzjoni ufficjali, amministrativa jew regolatrici taghha u meta tkun qed tagixxi f'attivita ekonomika ghal rasha jew fi shubija ma' terzi. Kif jghid **Jones and Sufrin** (EC Competition Law, 2nd Ed., (2004) pg. 110-111)

> An entity may be an undertaking even where it does not have an independent legal personality but forms part of a State's general administration if it is engaged in 'economic' activities. However, the case law draws a sharp distinction between activities classified as 'economic' in character, and those **where the entity 'acts in the exercise of official**

> **authority' (the latter activities being outside the scope of the competition rules). An entity, public or private, which performs tasks of a public nature, connected with the exercise of public powers or in the exercise of official authority will not be an undertaking, and so will be immune from the application of the rules**." (Enfasi tal-Qorti)

Dan kien l-ewwel skoll li kellu jissupera u jiddeciedi dwaru l-Kummissjoni qabel jezercita l-poteri tieghu skont l-artikolu 9. Din il-Qorti mhix ser taghti hi x'interpretazzjoni kellha tinghata mill-Kummissjoni ghal fatti li kellha quddiemha biex tasal ghal decizjoni jekk fil-fatt l-Awtorita agixxietx ta' intrapriza jew le, jew li l-istess Qorti tagixxi ta' Qorti revizur tal-fatti. Dan mhux il-kompitu ta' Qorti fejn dak li qed jigi allegat hu eccess ta' gurisdizzjoni ghal materja li ngiebet quddiem il-Kummissjoni. Il-partijiet fin-noti ta' sottomissjonijiet taghhom dahlu f'dan l-aspett fattwali li din il-Qorti ma tqis li ghandha tikkunsidra izda ghandha biss tifli d-decizjoni tal-Kummissjoni biex tara jekk l-istess waslitx ghal konkluzjoni li l-Awtorita f'dan il-kaz patikolari ezamintax il-kwistjoni legali jekk l-agir tal-Awtorita fil-kuntest tal-mertu quddiemha kinitx 'intrapriza' biex tigbed fuqha l-lenti tal-ligi tal-kompetizzjoni.

Sfortunatament din l-Qorti ma sabitx is-solliev mistenni minn qari tad-decizjoni tal-Kummissjoni. Il-kwistjoni kellha tkun risolta billi l-Kummissjoni tikkunsidra kif fil-fattispecie tal-kaz hi kienet qed tagixxi bhala impreditur f'attivita ekonomika u f'tali attivita hi kienet qed tabbuza mid-dominanza taghha. Dak li jirrizulta mill-atti hu biss illi l-Awtorita rrifjutat li tohrog licenzja, kemm jekk tali ragunijiet kienux fondati o meno u illi wara sejha ghal applikazzjonijiet inharget licenzja favur terzi. Qari tad-decizjoni tal-Kummissjoni juru abbuz tal-Awtorita fl-ezercizju tal-poteri regolatrici taghha fil-hrug jew zamma ta' licenzji, repprensibbli u sanzjonabbli taht il-ligi ordinarja jew il-Kostituzzjoni. Izda ma hemmx ness fid-decizjoni tal-Kummissjoni kif tali decizjoni amministrattiva tal-Awtorita fil-hrug u ghoti ta' licenzji ta' open top buses meta relatat mar-rifjut li l-konvenuti Spiteri jkollhom licenzja huma wkoll, saga li ipperdurat ghal hafna snin u ghadha ghaddejja, setghet titqies bhala mhux attivita amministrattiva ta' enti pubblika regolatrici izda bhala agir ta' intrapriza fl-ezercizzju tal-attivita ekonomika taghha.

Il-Kummissjoni ssemmi agir amministrattiv abbusiv tal-Awtorita fil-konfront tal-konvenuti Spiteri li gew stultifikati fin-negozju taghhom u minflok gie agevolat

kompetitur taghhom li lilu nghatat licenzja. Il-Kummissjoni ma rabtitx il-kompetitur ma xi konnessjoni ta' attivita ekonomika mal-istess Awtorita ghalkemm il-Kummissjoni mill-ewwel marret ghal konsegwenzi subiti mill-lanjanti Spiteri kawza tan-nuqqas tal-Awtorita li timxi b'mod li turi li qed tagixxi fl-interess pubbliku. Il-Kummissjoni tekwipara n-nuqqas tal-Awtorita fil-konfront tal-lanjanti biex b'hekk gew agevolati terzi fl-ghoti ta' licenzja bhala abbuz minn awtorita dominant bi ksur tal-ligi tal-kompetizzjoni. Pero l-Qorti tirraviza illi l-Kummissjoni mkien ma tallacja din il-konkluzjoni ma' dak li jird l-artikolu 9 biex jistabilixxi l-gurisdizzjoni cioe l-Awtorita li kienet hi qed tagixxi bhala intrapriza involuta fl-attivita ekonomika. Hu minnu illi jista' jitqies illi l-Awtorita bl-agir taghha stultifikat il-level playing field mistenni minn enti regolatrici fl-ghoti ta' licenzja u implicitament il-kompetizzjoni gusta u b'sahhitha, elementi necessarji ghall-ekonomija li kienu ghalhekk qed jigu negattivament milquta. Pero dan ma jfissirx illi l-Awtorita f'dik il-vesti kienet intrapriza f'attivita ekonomika li fiha hi kienet parti direttament jew indirettament involuta biex tavvantaggja ruhha abbusivament mis-sitwazzjoni. Dan ma ntweriex fid-decizjoni tal-Kummissjoni biex jkun hemm in ness fattwali necessarju li jirrendi l-Awtorita 'intrapriza' kif trid il-ligi. Hemm sensiela ta' sentenzi Ewropej li kienu gia decizi fiz-zmien li l-Kummissjoni tat id-decizjoni taghha fl-1998 li jitrattaw il-punt. Il-Qorti tirreferi ghal kaz **Branchero** (Case C-387/93), u il-kaz **Bodson** (Case C-30/87) fost ohrajn kif ukoll ricentement mit-Tribual tal-Appell ghall-Kompetizzjoni u l-Konsumatur fl-ismijiet **Malta Bargains Limited (UK) vs Awtorita tat-Turizmu ta' Malta et**, deciza fid-19 ta' Mejju 2015 fejn l-ewwel u qabel kollox kellu jigi deciz jekk l-operat tal-enti pubblika kinitx wahda ta' enti involuta f'attivita ekonomika separata mill-funzjoni pubblika regolatarici taghha qabel tintratjeni l-mertu.

Tifli kemm tifli d-decizjoni tal-Kummissjoni ma ssibx illi dan l-ezercizju sar kif trid il-ligi qabel tigi stabbilita il-gurisdizzjoni u mbaghad il-poter li tiddeciedi l-lanjanza. Minflok il-Kummissjoni jidher li strahet biss fuq il-fatti u qieset li l-Awtorita abbuzat fl-ghoti jew nuqqas ta' licenzja a skapitu tal-lanjanti bla ma dahlet qabel xejn fil-kwistjoni jekk l-agir abbusiv, repprensibbli, dannegganti, sejjahlu li trid, kienx passibbli ghax kommess mill-Awtorita fil-vesti taghha mhix ta' regolatrici tal-licenzji izda qua intrapriza per se u ghal rasha involuta hi b'mod dirett jew indirett jew permezz ta' ligi f'attivita ekonomika. Il-Kummissjoni rreferiet ghal xi decizjonijiet tal-Qorti Ewropea

biex tirradika l-gurisdizzjoni taghha. Pero d-decizjonijiet ta' **Crespelle** u **GB-Inno** jirreferu ghall-artikolu 106 tat-Trattat mhux l-artikoli 101 u 102 (cioe dawk relevant ghal din il-vertenza) u l-kaz **MOTOE** li sab li korp b'funzjoni pubblika jagixxi bhala intrapriza meta jmur oltre l-funzjoni regoaltrici tieghu u jwettaq attivita marbuta ma' dak li jkun stess illicenzja bhal fil-kaz meta l-istess Awtorita taghmel reklamar u sponsorships in konnessjoni mal-istess attivita. Dawn id-decizjonijiet ma jindirizzawx il-kwistjoni quddiem il-Kummissjoni u ma jistghux jitqiesu bhala interpretazzjoni tal-fatti tal-kaz ghal ligi li tirregolahom.

Dan iwassal lil Qorti tikkonkludi illi d-decizjoni tal-Kummissjoni hi nieqsa mill-fondament guridizzjonali li jistabilixxi d-dritt taghha li tiddeciedi l-kwistjoni ghax ma kkunsidratx u ddecidietx jekk l-ghoti jew nuqqas ta' ghoti ta' licenzja kinitx passibbli bhala azzjoni maghmula minn intrapriza involuta f'attivita ekonomika fejn tali intrapriza bl-agir dominant taghha qua intrapriza kienet qed tikser il-ligi tal-kompetizzjoni. Bhala tali d-decizjoni tal-Kummissjoni hi zbaljata fuq punt ta' ligi li ma giex deciz kif imiss biex tistabilixxi l-gurisdizzjoni taghha f'dan il-kaz u tisma l-kaz fil-mertu.

**Decide**

Ghar-ragunijiet fuq moghtija din il-Qorti taqta' u tiddeciedi billi tilqa' l-eccezzjoni tad-Direttur tal-Ufficcju tal-Kompetizzjoni Gusta li mhux legittimu kontradittur; tichad l-eccezzjonijiet kollha tal-konvenuti; u tilqa' t-talbiet attrici u tiddikjara d-decizjoni tal-Kummissjoni fl-ismijiet Marianna Sptieri et vs L-Awtorita Dwar it-Trasport ta' Malta tal-15 ta' Ottubru 2008 (Ilment numru 6/2006) nulla u inattendabbli. L-ispejjez jithallsu mill-konvenuti Spiteri u Garden of Eden Garage Limited hlief ghal dawk tad-Direttur tal-Ufficju tal-Kompetizzjoni Gusta li jithallsu mill-attrici.

Onor. Mark Chetcuti LL.D.
Imhallef

Anne Xuereb
Deputat Registratur